# SKEMA 'NGĦINU FINANZJARJAMENT LIS-SOĊJETAJIET TAL-BANDA'

# Linji Gwida

# 2023

# KONTENUT

1. INTRODUZZJONI ..... 3
2. GĦAN ..... 3
3. IL-PROĠETT FIL-QOSOR: MIT-TNEDIJA SAT-TMIEM ..... 4
4. REGOLAMENTI TAL-ISKEMA ..... 5
4.1. Eliġibilità ..... 5
4.2. Il-Proposta ..... 5
4.3. Żmien ta' implimentazzjoni ..... 6
5. KRITERJI U KUNDIZZJONIJIET LI FUQHOM SE JIĠU MAGĦŻULA L-PROPOSTI ..... 6
5.1. Kriterji ..... 6
5.2. Kundizzjonijiet ..... 7
6. IFFINANZJAR TAL-INIZJATTIVA ..... 8
6.1. Kategorija A: Inizjattiva li tiswa sa massimu ta' €7,500.00 ..... 8
6.2. Kategorija B: Inizjattiva li tiswa sa massimu ta' €12,000.00 ..... 8
7. OBBLIGI TAL-PARTEĊIPANTI MSIEĦBA ..... 8
7.1. L-Għaqda Każini tal-Banda u l-Kunsill Malti għall-Arti ..... 8
7.2. Soċjetajiet tal-banda bi proposti magħżula ..... 9
8. TIMELINE TAL-PROĠETT ..... 10
9. DETTALJI TAL-PERSUNA BĦALA PUNT TA' KUNTATT ..... 10

## 1. INTRODUZZJONI

Il-Kunsill Malti għall-Arti dejjem għaraf l-importanza li għandhom is-soċjetajiet tal-banda fi ħdan l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, mhux biss fit-tkattir tal-kultura mużikali imma wkoll fil-ħarsien u t-tisħiħ tat-tradizzjonijiet kulturali f'pajjiżna. Dan kollu jsir primarjament fuq bażi volontarja u għalhekk, sabiex isaħħaħ il-ħidma kontinwa ta' dawn is-Soċjetajiet, qiegħed għat-tielet sena konsekuttiva jniedi l-iskema bl-isem "NGĦINU FINANZJARJAMENT LIS-SOĊJETAJIET TAL-BANDA".

Bħala parti mill-Programm ta' Kollaborazzjoni u Tisħiħ Implimentattiv, din l-iskema qiegħda tiġi amministrata mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda bil-Kollaborazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan l-istess Ministeru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali.

## 2. GĦAN

F'bosta bliet u rħula, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, is-soċjetajiet tal-banda huma parti integrali mit-tessut soċjali u kulturali ta' pajjiżna. L-attività ta' dawn is-soċjetajiet bandistiċi ġewwa l-każini u mħażen tagħhom ma tieqaf qatt u barra li l-għan prinċipali tagħhom jibqa' dejjem it-tagħlim tal-mużika li dejjem jingħata kważi kullimkien mingħajr ħlas lil ħafna tfal u żgħażagħ, hemm ukoll is-sengħa u l-arti tal-armar kemm dak antik u anke dak li sar f'dawn l-aħħar snin li prinċipalment jintuża fil-ġranet tal-festi jew f'xi okkażjoni tal-komunità.

Huwa fatt li dawn is-soċjetajiet huma kontinwament impenjati b'attivitajiet oħra ta' natura kulturali u anke tradizzjonali bħal kunċerti mużikali, tisbiħ fil-każini tagħhom, u wirjiet fi żminijiet differenti tas-sena. Dawn l-attivitajiet ma humiex biss marbutin mal-festi Kattoliċi, imma wkoll oħrajn bħal produzzjonijiet mużikali oriġinali, restawr ta' armar eżistenti, pubblikazzjoni tal-annwali tagħhom li kollha huma xhieda ta' kemm huma importanti s-soċjetajiet tal-banda ġewwa pajjiżna. Madanakollu l-qofol tal-attività tagħhom jibqgħu l-festi tagħna li fihom infushom huma xhieda ħajja tal-kultura ta' pajjiżna. Id-daqq tal-marċi mill-baned tradizzjonali, l-armar hekk sabiħ u l-piroteknika u anke s-sens ta' komunità fil-festi tagħna huma xhieda ħajja ta' impenn kontinwu tas-soċjetajiet tal-banda.

Is-soċjetajiet tal-banda huma iskritti u konformi mar-regoli tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji għal raġunijiet ta' trasparenza u governanza korretta.

Ta' min iżomm f'moħħu wkoll li l-maġġor parti tagħhom għandhom ukoll binjiet ferm sbieħ li wħud minnhom huma antiki u li fihom jinsab ukoll patrimonju vast magħmul minn ħafna oġġetti ta' valur storiku fosthom mobbli, mużika, strumentatura, armar u ħafna affarijiet oħra.

L-għan ewlieni wara din l-iskema hu li għal darb'oħra, u wara s-suċċess fl-erba' skemi preċedenti, terġa' tiġi mnedija din l-iskema finanzjarja li tagħti spazju lis-soċjetajiet tal-banda rispettivi biex joħorġu b'inizjattivi u proposti li bihom jagħmlu:

i. Restawr tal-oġġetti/opri li għandhom, bħal pitturi, arkivji mużikali, planċieri, standardi, strumenti antiki u għamara antika, eċċ.
ii. Tisħiħ, tisbiħ u restawr tal-infrastruttura eżistenti li permezz tagħha jistgħu jagħmlu l-ambjenti tat-tagħlim u eżekuzzjoni mużikali aktar professjonali jew/u sabiex iwettqu l-ħidma tagħhom b'mod aktar effikaċi u aċċessibbli u dan skont il-liġijiet tal-pajjiż.
iii. Jgħinu lis-surmastrijiet, l-assistenti surmastrijiet u għalliema tagħhom biex jattendu fi programmi ta' tagħlim u taħriġ mużikali mmirati proprju għalihom ġewwa istituzzjonijiet edukattivi ta' livell terzjarju Maltin u liema programmi ta' studju u tagħlim ikunu organizzati f'kollaborazzjoni mal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda. Dawn il-programmi ta' tagħlim għandhom iservu bħala rikonoxximent akkademiku nazzjonali.
iv. Restawr tal-binja tal-Każin tal-Banda, fuq ġewwa (Restawr tal-binja tal-Każin tal-Banda fuq barra mhuwiex applikabbli).
v. Tisħiħ ta' kollaborazzjoni bejn is-soċjetajiet tal-banda f'dak li għandu x'jaqsam mal-bandisti tagħhom.
vi. Isaħħu s-sistemi amministrattivi interni tagħhom relatati mal-banda u l-bandisti tagħhom u għandhom ikunu kumplimentari ma' dawk tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda.
vii. Jimplimentaw proġetti innovattivi li permezz tagħhom jespandu l-attività mużikali tagħhom kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, liema attività trid tkun waħda sostenibbli u mhux skambju.
viii. Proġetti sabiex is-soċjetajiet tal-banda jkunu aktar modernizzati fit-teknoloġija u l-komunikazzjoni biex ikollhom strutturi (set-ups) aktar moderni għall-benefiċċju tal-membri tagħhom, kif ukoll sabiex l-għalliema jkollhom taħriġ neċessarju sabiex bħala każini jkunu jistgħu jaħdmu ad hoc mal-ħtiġijiet edukattivi fejn jidħol tagħlim ekstrakurrikulari.
ix. Twettiq ta' proġetti jew programmi soċjokulturali jew mużikoletterarji.
x. Proġetti oħra innovattivi li jkunu relatati ma' din l-iskema.

## 3. IL-PROĠETT FIL-QOSOR: MIT-TNEDIJA SAT-TMIEM

Is-soċjetajiet tal-banda interessati li jipparteċipaw iridu jagħmlu proposta billi jimlew formola li tinstab fil-websajt ta' artscouncil.mt tal-Kunsill Malti għall-Arti u jissottomettuha skont il-kriterji tal-iskema sad-data stipulata. Waqt dan il-proċess, is-soċjetajiet tal-banda jistgħu wkoll jattendu għal laqgħa/t ta' informazzjoni organizzati mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti.

Wara li l-Kunsill Malti għall-Arti u l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda jirċievu l-proposti mibgħuta mis-soċjetajiet tal-banda, jitwaqqaf bord ta' għażla u moniteraġġ kompost minn rappreżentant tal-Għaqda, persuni tekniċi indipendenti u rappreżentant

tal-Kunsill Malti għall-Arti sabiex jintgħażlu l-proġetti skont il-kriterji stipulati u jitħabbru l-proġetti magħżula li jiġu mogħtija l-fondi għall-proġett. Il-Bord jista' jagħżel li ma jagħtix il-fondi kollha. Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tkun waħda finali. Madanakollu dawk li ma jkunux ħadu fondi, jistgħu jitolbu r-raġunijiet li wasslu lill-Bord tal-Għażla biex ma japprovax il-proġett partikolari.

## 4. REGOLAMENTI TAL-ISKEMA

### 4.1. Eliġibbiltà:

- Huma eliġibbli dawk is-soċjetajiet tal-banda kollha ta' Malta u Għawdex li huma membri attivi u regolari skont l-istatut tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda u li huma iskritti bħala Organizzazzjoni Volontarja mal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji kif ukoll ikunu konformi (compliant) mal-Ligi tal-Organizzazzjonijiet Volontarji għas-sena 2021 sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet.
- Is-soċjetajiet tal-banda membri fi ħdan l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda jridu jkunu wkoll konformi mar-regolamenti ġodda u l-istatut tal-istess Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda u dan sad-data tal-għeluq tal-proġett li jkun ġie propost u approvat.

### 4.2. Il-Proposta:

Biex tapplika, segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Iċċekkja jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn din l-iskema.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq Irreġistra u imla d-dettalji.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq info@maltaband.org jew applyforfunds@artscouncil.mt.

L-inizjattiva proposta ma tistax tħalli qligħ.

### 4.3. Żmien ta' implimentazzjoni:

- L-inizjattivi magħżula jintemmu sa żmien sena mill-iffirmar tal-Kuntratt ta' għotja. Madanakollu, f'każijiet eċċezzjonali biss, tista' tintalab estensjoni taż-żmien, ta' mhux aktar minn sitt (6) xhur, li tkun suġġetta għall-approvazzjoni tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda b'konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti.

## 5. KRITERJI U KUNDIZZJONIJIET LI FUQHOM SE JIĠU MAGĦŻULA L-PROPOSTI

### 5.1. Kriterji:

- Proposti konkreti, sostenibbli u realistiċi li jirriflettu b'mod dirett l-għanijiet u l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett.
- Proposti miktuba b'mod ċar, loġiku u realizzabbli.
- L-innovazzjoni, il-professjonalità u l-kreattività tal-inizjattiva fl-idea tal-proġett, fit-tagħlim u fl-implimentazzjoni tagħha.
- Pjan realistiku u ċar ta' kif se titwettaq l-inizjattiva mingħajr ripetizzjonijiet u similaritajiet ta' xi inizjattivi passati.
- Is-sostenibbiltà, il-kontinwazzjoni u l-benefiċċju li l-inizjattiva tħalli anke wara li jintemm il-perjodu ta' din l-iskema u, fil-każ ta' dawk is-soċjetajiet tal-banda li diġà bbenefikaw taħt skemi oħra minn xi aġenzija jew entità governattiva oħra jew mill-istess skema, kif dan il-proġett jikkumplimenta direttament il-proġetti kollha preċedenti li bbenefikaw minnhom
- Baġit realistiku li juri li n-nefqa tirrifletti l-proġett sħiħ.
- Ma jkunx simili għal xi proġetti oħra taħt xi skema oħra amministrata minn xi aġenzija jew entità governattiva jew li jkunu amministrati jew imwettqa mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda.
- Ikunu attivi skont l-Istatut tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda u għandhom strutturi interni mwaqqfa u joperaw b'mod prattiku u realistiku fl-amministrazzjoni tal-banda tagħhom.
- Preferenza tingħata lil dawk is-soċjetajiet tal-banda li ma jkunux ngħataw fondi fis-sejħa preċedenti; li jkunu wettqu l-proġetti preċedenti - jekk ikunu ngħataw il-fondi - fil-ħin, bil-baġit propost u ffinalizzaw ir-rapport finali skont iż-żmien stipulat; u li l-proġett jilħaq il-kriterji u l-approvazzjoni tal-Bord tal-Għażla.

## 5.2. Kundizzjonijiet:

- Proposti li jkunu jittrattaw biss infiq kapitali fuq strutturi ġodda (inkluż, iżda mhux biss, fuq strumenti mużikali waħidhom, jew armar kompletament ġdid) ma jiġux ikkunsidrati. Il-proposta trid tinkludi wkoll baġit dettaljat u realistiku tal-infiq li għandu x'jaqsam mal-ħidma bandistika jew/u restawr ta' oġġetti antiki, fosthom anke armar li huma proprjetà ta' dik is-soċjetà tal-banda.
- Soċjetajiet tal-banda li diġà bbenefikaw f'sejħiet preċedenti minn xi entità jew aġenzija governattiva huma mitluba jgħidu b'mod dettaljat x'għamlu u x'riżultati kisbu b'dawn is-sejħiet u jekk humiex direttament relatati ma' dak li huwa indikat fl-applikazzjoni tagħhom.
- L-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda u l-Kunsill Malti għall-Arti għandhom id-dritt jagħmlu żjarat ta' moniteraġġ li fihom issir evalwazzjoni tal-inizjattivi magħżula.
- F'każ li l-infiq ma jkunx direttament relatat mal-proposta approvata, jew/u ma jkunx konformi ma' dak mistenni mill-Bord tal-Għażla, l-istess Bord jista' jirrifjuta li jħallas l-ammont dovut.
- Tieħu sehem f'kull inizjattiva li l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda u l-Kunsill Malti għall-Arti jorganizzaw kemm jekk relatata ma' din l-Iskema kif ukoll fuq bażi nazzjonali.
- Dawk is-soċjetajiet tal-banda li jkunu għadhom għaddejjin bil-proġetti minn sejħiet preċedenti jingħataw l-ewwel pagament tal-iskema 2023 meta jitlesta u jippreżentaw ir-rapport finali tal-iskema preċedenti.
- Ma jiġux aċċettati proposti magħmula konġuntivament minn aktar minn żewġ soċjetajiet tal-banda flimkien.
- Huwa meħtieġ li s-soċjetajiet ikunu iskritti mal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji kif ukoll ikunu konformi (compliant) mal-Liġi tal-Organizzazzjonijiet Volontarji sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u jkunu kollha membri attivi u konformi mar-regolamenti ġodda u l-istatut tal-istess Għaqda.
- Proġetti li jkunu qed jieħdu xi finanzjament minn xi fond ieħor (*double funding*) ma humiex ser jiġu milqugħa mill-Bord. F'każ li proġett jiġi approvat u l-Bord jinduna li xi soċjetà qed tieħu fondi għall-istess proġett (li ġie approvat taħt din l-iskema) minn skema oħra, dik l-istess soċjetà ser tkun mitluba trodd il-fondi mogħtija.
- Proġetti sottomessi li jkunu simili għal proġetti passati jew li ġew approvati f'sejħiet preċedenti mhux ser ikunu eliġibbli għall-fondi.

## 6. IFFINANZJAR TAL-INIZJATTIVA

Din l-iskema se jkollha allokati fond ta' minimu ta' mija u sittin elf ewro (EUR160,000).

L-inizjattiva tista' taqa' taħt waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji:

### 6.1. Kategorija A: Inizjattiva li tiswa sa massimu ta' €7,500.00

- L-Iskema tiffinanzja 90% tal-ispiża totali tal-proġett sa massimu ta' sitt elef seba' mija u ħamsin ewro (€6,750) skont liema hu l-anqas wieħed. L-Iskema tipprovdi li l-ewwel 60% tal-ispiża totali jingħataw mal-iffirmar tal-ftehim taħt l-iskema u 30% jingħataw biss meta jiġu ppreżentati l-irċevuti oriġinali u fiskali tal-ispejjeż kollha indikati fil-proposta. L-10% li jibqa' jridu jiġu finanzjati mis-soċjetajiet tal-banda rispettivi.

### 6.2. Kategorija B: Inizjattiva li tiswa sa massimu ta' €12,000.00

- Jekk l-inizjattiva tiswa aktar minn sebat elef u ħames mitt ewro (€7,500.00) iżda inqas minn tnax-il elf ewro (€12,000), l-inizjattiva tiġi sottomessa taħt katogorija B.
  L-iskema tiffinanzja 90% tal-ispiża (sa massimu ta' €10,800.00) li 60% minnhom jingħataw mal-iffirmar tal-ftehim taħt l-iskema u 30% jingħataw biss meta jiġu ppreżentati l-irċevuti oriġinali u fiskali tal-ispejjeż kollha indikati fil-proposta. L-10% li jibqa' jridu jiġu finanzjati mis-soċjetajiet tal-banda rispettivi.

L-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda u l-Kunsill Malti għall-Arti ma jeskludux lil soċjetajiet tal-banda li jippreżentaw proposti li jiswew aktar minn tnax-il elf ewro (€12,000.00). Madankollu, l-ammont massimu li jingħata huwa dak indikat skont l-iskema li taħtha tkun saret l-applikazzjoni. Il-fondi jingħataw biss meta jiġu ppreżentati l-irċevuti tal-VAT oriġinali u fiskali tal-ispejjeż kollha indikati fil-proposta.

## 7. OBBLIGI TAL-PARTEĊIPANTI MSIEĦBA

### 7.1. L-Għaqda Każini tal-Banda u l-Kunsill Malti għall-Arti:

- Jamministraw flimkien il-fondi u l-iskema.
- Jippromwovu u jagħtu l-assistenza neċessarja lis-soċjetajiet tal-banda.
- Jimmonitorjaw il-proġetti approvati u l-ispiża tagħhom.
- Jaħtru bord ta' għażla u moniteraġġ li jkun jinkludi mhux anqas minn membru maħtur mill-Għaqda tal-Każini tal-Banda u mill-Kunsill Malti għall-Arti kif ukoll

persuna jew persuni tekniċi li jinħatru bi qbil bejn iż-żewġ partijiet sabiex jevalwaw il-proposti għall-inizjattivi mis-soċjetajiet tal-banda rispettivi u jikklassifikahom f'ordni ta' preferenza u jagħmel il-verifiki u l-moniteraġġ kollu neċessarju.
- Matul il-perjodu kollu tal-proġett, uffiċjali miż-żewġ entitajiet, bl-għajnuna ta' nies professjonali u tekniċi, jagħmlu żjarat ta' moniteraġġ skont il-bżonn li fihom issir evalwazzjoni tal-inizjattivi magħżula u l-verifiki kollha meħtieġa dwar l-ispiża u s-sostenibbiltà tal-proġetti magħżula.
- Jippromwovu s-suċċess li jinkiseb minn dawn il-proġetti permezz ta' viżwalità ċara u estensiva li juru l-finanzjament minn fejn ġie mogħti.

### 7.2. Soċjetajiet tal-banda bi proposti magħżula

- Iridu jkunu iskritti u konformi (compliant) mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji fid-data tal-għeluq tal-applikazzjoni u matul il-perjodu kollu tal-proġett.
- Ikunu attivi u regolari fl-Għaqda Nazzjonali tal-Każini tal-Banda skont l-istatut tal-istess Għaqda.
- Ikunu konformi mar-regolamenti ġodda u l-istatut tal-istess Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda u dan sad-data tal-għeluq tal-proġett li jkun ġie propost u approvat.
- Iwettqu l-inizjattiva kollha skont id-dati stipulati.
- Jipprovdu kull informazzjoni relatata mal-inizjattiva lill-entitajiet konċernati meta mitluba.
- F'dawk il-każijiet fejn l-inizjattiva tkun ta' xiri ta' strumentatura bandistika b'enfasi fuq dik l-istrumentatura li ma tantx għadha tintuża u għandha importanza fit-titjib fl-eżekuzzjoni mużikali, trid issir reġistrazzjoni formali tal-mużiċisti li għalihom ser tinxtara l-istrumentatura u tagħlim mal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda u din ir-reġistrazzjoni tibqa' fis-seħħ għall-perjodu kollu ta' tliet (3) snin li matulhom irid ikun hemm viżibilità tal-proġett.
- Iħejju rapport finali dettaljat skont il-kriterji stabbiliti mill-Kunsill Malti għall-Arti u rendikont finanzjarju dettaljat flimkien mal-irċevuti fiskali oriġinali tal-inizjattiva kollha sabiex tingħata ir-rifużjoni tal-ispejjeż konnessi. Mingħajrhom it-tnejn ma jsiru ebda ħlas u rifużjoni tal-ispejjeż li jkunu saru u jistgħu jintalbu lura l-fondi diġà mogħtija. Dan ir-rapport irid ikun ġie ppreżentat sa mhux aktar tard minn **xahrejn (2)** mid-data tal-għeluq tal-proġett kif propost. Fin-nuqqas li dan isir, jista' ma jsirx il-ħlas tal-aħħar bilanċ dovut. Dan ir-rapport flimkien mad-dokumenti mitluba għandu jintbagħat fl-uffiċċju tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda.
- Kull tip ta' materjal li joħroġ b'konnessjoni ma' dan il-proġett mis-soċjetajiet tal-banda, irid jinkludi wkoll il-logo tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda u l-Kunsill Malti għall-Arti għall-perjodu kontinwu ta' tliet (3) snin.
- Jallokaw paġna lill-inizjattiva fil-pubblikazzjoni tal-każin li toħroġ annwalment jew minn żmien għall-ieħor, jekk il-każin għandu rivista.

- Tieħu sehem f'kull inizjattiva li tiġi mistiedna tipparteċipa b'numru ta' mużiċisti mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li tista', anke flimkien ma' entitajiet oħra, jorganizzaw kemm jekk relatata ma' din l-iskema kif ukoll f'inizjattivi oħra fuq bażi nazzjonali.
- Jiffirmaw kuntratt relattiv għal dan il-proġett mal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda u l-Kunsill Malti għall-Arti.

## 8. TIMELINE TAL-PROĠETT

| | |
|---|---|
| Tnedija tal-Iskema u jibda ż-żmien li matulu jintlaqgħu l-applikazzjonijiet | 23 ta' Marzu 2023 |
| Data tal-għeluq taż-żmien sakemm jintlaqgħu l-proposti | 4 ta' Mejju 2023 |
| Jitħabbru l-inizjattivi magħżula | 12 ta' Ġunju 2023 |
| Jiġi ffirmat il-kuntratt finanzjarju | 30 ta' Ġunju 2023 |
| Implimentazzjoni tal-proġett | 01 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 |
| Jintlaqgħu r-rapporti finali tal-proġetti li jinkludu r-rapport finanzjarju. | Sal-15 ta' Awwissu 2024 |

## 9. DETTALJI TAL-PERSUNA BĦALA PUNT TA' KUNTATT:-

**Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda:**

Christopher Briffa – Segretarju Ġenerali
E: secretary@maltaband.org

Rendell Micallef – Uffiċjal Amministrattiv
E: info@maltaband.org

Numru tal-Uffiċċju - 27110669